# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-6 ta' Frar, 2020**

Appell numru 375 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Matthew VELLA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-15 ta' Settembru, 2017 fil-konfront ta' Matthew VELLA, karta tal-identità bin-numru 142787 M li ġie mixli:

> Talli fil-21/06/2015 għall-ħabta ta' 23:40hrs fi f'Telgħet is-Saqqajja, Mdina waqt li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JCW 218;
>
> 1) Talli meta b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat ma' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni UGO 885 u nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Annalise Abela skond kif iċċertifika Dr. Alessandro

Baldacchino M.D. 2180 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u Dr. Christabelle Mizzi MD 5550 miċ-ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid u kif ukoll involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Eric Saliba skond kif iċċertifika Dr. Andrew Mercieca MD 3229 mill-MDH.

2) U aktar saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.

3) U kif ukoll talli pprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt (87ug/100ml).

4) U akkużat ukoll talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzja tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **wara li rat l-Artikoli 15A, 15B u 15 (1)(a)(2) u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta** sabet lill-imputat Matthew VELLA ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu; qieset li t-tieni (2) imputazzjoni kienet imputata bħala alternattiva għat-tielet (3) imputazzjoni, kkundannatu għall-multa t'elfejn ewro (€2000) flimkien mas-sospensjoni tal-liċenza għal żmien tnax (12) il-xahar dekorribbli minn nofs illejl ta' l-għada filgħodu. Dan wara li kkunsidrat is-segwenti : -

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-karozza tal-imputat daħlet b'impatt fil-karozza tal-parte civile bir-riżultat li Annalise Abela sofriet ġrieħi ħfief u anke l-passiġġier li kien hemm magħha.

Għalkemm ħadd ma' seta' jiddentifika l-imputat pero' ċertament f'dak il-ħin ta' bil-lejl fejn l-uniċi karozzi kienu tal-partijiet m'hemmx dubju li l-imputat kien qed isuq il-karozza JCW 218.

Illi rriżulta wkoll li l-imputat ġie meħud fl-Għassa tal-Ħamrun u hemm hekk ittiħidlu l-kampjun tan-nifs wara li ngħata s-solita twissija u li skont PS 1586 Ronnie Attard tah id-dritt tal-avukat (xi ħaġa li hija essenzjali meta wieħed ikun ser jagħti dan il-kampjun) u sikkome rriżulta ferm għoli mill-minimu dan awtomatikament iqiegħed l-imputat jew kull sewwieq li jkun ikkonsma tant xorb li s-sewqan tiegħu jkun perikoluz għall-utenti tat-triq fejn ser jgħaddi.

3. Illi minn din is-sentenza Matthew VELLA interpona appell permezz ta' rikors datat 22 ta' Mejju 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u b'dana ma ssibx lill-appellant ħati tal-istess akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tillibera lill-istess appellant minn kull ħtija, jew alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkonċerna l-piena nflitta fuq l-appellant. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**<u>L-ewwel aggravju</u>**

1. Ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni li xehdu f'dina l-kawża ma għarraf lill-appellant bħala x-xuffier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzoni JCW 218; u
2. Il-verżjoni li l-istess appellant ta lill-Pulizija Eżekuttiva m'hijiex waħda ammissibli fil-liġi u dana għaliex *ex admisis* il-PS 1586 in kontro-eżami qal illi l-caution li ssoltu jingħata lill-persuna li tkun suspettata li wettqet reat u/jew reati ma ingħatax qabel ma ttieħdet il-verżjoni tiegħu – u għalhekk l-istqarrija in kwistjoni ma setgħatx tintuża bħala prova kontra l-appellant; u
3. Illi l-istess PS 1568 jgħid illi l-unika *twissija* li ngħata lill-appellant kien dak relata mat-test tal-kampjun tan-nifs fejn dan jirriżulta li ttieħed l-għassa tal-Ħamrun wara illi il-verżjoni tal-appellant kien diġa' ittieħed mill-Pulizija fuq il-post.

Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti donnha li aċċettat l-argument mqajjem mid-difiża illi l-verżjoni li ta l-appellant ma hix waħda ammissibli bħala prova u dana għaliex mkien fis-sentenza tagħha il-Qorti għamlet riferenza għall-verżjoni li ta l-appellant bħala prova tal-identifikazzjoni tiegħu u għalhekk fl-umli fehma tal-appellant il-Qorti per konsegwenza kella tillibera lill-appellant minn kull ħtija fuq nuqqas tal-prova tal-identifikazzjoni.

Illi madanakollu, il-Qorti xorta sabet il-ħtija fl-appellant u fis-sentenza tagħham u dwar l-identifikazzjoni tal-appellant, il-Qorti qalet hek kif ġej:-
*Mill-provi prodotti jirriżulta li l-karozza tal-imputata daħlet b'impatt fil-karozza tal-aprte civile bir-riżultat li Annalise Abela sofreit ġrieħi ħfief u anke l-passiġġier li kien hemm magħha.*

*Għalkemm ħadd ma seta' jiddentifika l-imputat pero' ċertament f'dak il-ħin ta' bil-lejl fejn l-uniċi zewġ karozzi kienu tal-partijiet m'hemmx dubju li l-imputat kien qed isuq il-karozza JCW 218.*

*Illi rriżulta wkoll li l-imputat ġie meħud fl-għassa tal-Ħamrun u hemmhekk ittieħidlu kampjun tan-nifs wara li ngħata s-solita twissija u li skont PS 1586 Ronnie Attard tah id-dritt tal-avukat (xi ħaġa li hija essenzjali meta wieħd ikun ser jagħti dan il-kampjun) u sikkome rriżulta ferm għoli mill-minimu dan awtomatikamnet iqiegħed lill-imputat jew kull sewwieq li jkun ikkonsma tant xorb lis-sewqan tiegħu jkun perikoluż għall-utanti tat-triq minn fejn ser jgħaddi.*

Illi minkejja illi jidher illi l-Ewwel Qorti ġustament skartat il-verżjoni tal-appellant, madanakollu mill-provi l-oħra prodotti f'dina l-kawża, kontra għal dak li qalet l-Ewwel Qorti mkien ma jirriżulta li l-karozza tal-imputat daħlet fil-karozza tal-parte civile u dana peress li ma hemm l-ebda prova idoneja fl-atti illi l-karozza hija propjeta' tal-appellant u lanqas jekk kieku dan kien il-każ, xorta waħda ma hem l-ebda prova oħra valida fl-atti fejn jirriżulta illi l-appellant kien ix-xufier li kkawża l-inċident de quo.

Illi di piu' lanqas huwa argument li tgħid illi ċertament f'dak il-ħin ta' bil-lejl l-uniċi żewġ karozzi kienu tal-partijiet u li m'hemmx dubju li l-imputat kien qed isuq il-karozza JCW 218 – bir-rispett kollu dana huma kollha suppożizzjonijiet li ma jirriżultawx mill-atti u ċertament illi ma tistax, abbażi tagħhom, tasal għal konklużżjoni lihinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni li tikkostitwixxi prova tal-identifikazzjoni tal-appellant.

Illi irid jiġi ċċarat illi jirriżulta mill-atti illi l-unika tip ta' twissija li ngħatat lill-appellant, saret l-għassa tal-Ħamrun u dinkienet ex post facto li huwa ta' l-verżjoni tiegħu fuq il-pot. Fil-fatt dina twissija kienet relata mat-test tan-nifs li huwa intalab jagħti u li qed tiġi ukoll debitament kkontestata fit-tieni aggravju ta' dan l-appell.

Għalhekk abbażi tas-suespost l-appellant umilment jitlob li jiġi lliberat minn kull akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, ma jirriżultax ċar x'tip ta' twissija ngħatat lill-appellant minn PS 1586 qabel ma huwa issottometta tuħu għat-test tan-nifs de quo.

Illi fl-affidavit ta' PS 1586 huwa jgħid illi l-appellant ittieħed l-Għassa tal-Ħamrun u wara li ngħatalu s-solita twissija, l-appellant qabel illi jsir it-test. In oltre fir-rapport tal-inċident, redatt mill-istess Surgent, hemm msemmi illi qabel it-test tan-nifs, ingħatat twissija lill-appellant u din it-twissija saret "in front of" PC 944. In kontro-eżami lanqas ma jirriżulta x'tip ta' twissija ngħatat lill-appellant.

Illa għalhekk l-appellant umilment jissottometti illi ma nġabietx prova idoneja jekk tali twissija ingħatat u jekk ingħatat skont il-liġi;

Illi di piu u mingħajt pregudizzju għas-suespost, jekk dina t-twissija ingħatat fil-preżenza ta' PC 944, hekk kif imsemmi fir-rapport tal-inċident de quo, dan tal-aħħar qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri (u ma kienx ezentat mid-difiża sabiex ma jixhidx) u dana sabiex jikkonferma illi dina t-twissija ingħatat, u li ngħatat skont il liġi;

Illi b'kosegwenza ta' dana kollu t-test de quo flimkien mar-riżulat relattiv kellhom jiġu skartati bħala prova mill-Ewwel Qorti. Għalhekk l-appellant umilment jissottometti illi abbażi tas-suespost huwa għandu jiġi lliberat mill-akkuża munru tlieta (3). Di piu' fl-assenza ta' dina l-prova u fl-assenza ta' prova oħra fl-atti li tista' twassal saniex tinstab il-ħtija fil-konfront tal-appellant fl-akkuża numru tnejn (2), l-appellant għandu jiġi illiberat minn din l-akkuża (numru tnejn 2) ukoll u dana hekk kif se jiġi ttrattat iktar fid-dettal f'dan l-appell;

**<u>It-tielet aggravju</u>**

Illi għalhekk l-appellant isostni illi anke jekk il-Qorti ma tilqax l-aggravji mresqa minnu jew minn minhom, xorta hemm lok illi tvarja s-sentenza tagħha għal dak li jirrigwardja l-piena mposta u dana tenendo kont, iżda mhux limitat għal fatt li l-fedina penali tiegħu hija waħda netta u dana hekk kif se jiġi ttrattat b'mod iktar ampju fit-trattazzjoni ta' dana l-każ.

4. Illi din il-Qorti rat l-atti kollha proċesswali, semgħet id-deposizzjonijiet ta' PS1586 Ronnie Attard, Annalise Abela u Eric Saliba, kif ukoll semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

*Ikkunsidrat : -*

5. Illi matul l-analiżi tas-sentenza appellata din il-Qorti rat li meta ġiet biex issib ħtija fl-appellant il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha hija :
   (a) naqset milli ssemmi l-artikolu tal-Liġi li taħtha kienet qegħdha ssibu ħati tagħha u dan peress li hija naqset milli ssemmi li l-artikoli 15A, 15B u 15(1)(a)(2) kienu tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
   (b) qieset li t-tieni imputazzjoni kienet alternattiva għat-tielet imputazzjoni iżda xorta waħda qiesitu *hati tal-akkuzi kollha*.

6. Din il-Qorti jidhrilha li dan wisq probabbli kien każ ta' *lapsus calami jew computeri* da parti tal-Qorti tal-Maġistrati, madanakollu tali żball iġib miegħu konsegwenzi. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

   > Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liħi oħra li jkun tikkontempla r-reat.

7. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Lawrence Attard*** deċiża nhar is-27 ta' Frar 2019:

   > Premess dan allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni, bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita l-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li

jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma' l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat"** [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

8. Għaldaqstant din il-Qorti għall-motivi premessi, qegħdha tannulla s-sentenza appellata, u f'dan il-każ, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tipproċedi biex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu.

***Ikkunsidrat : -***

9. Illi nhar il-21 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta ta' 23:45, il-Pulizija tal-Għassa tal-Ħamrun ġew infurmati illi kien seħħ inċident stradali fit-Telgħa tas-Saqqajja, r-Rabat fejn konsegwenza t'hekk kien hemm xi nies imweġġa'. Il-Pulizija marru fuq il-post flimkien ma' membri tal-Protezzjoni Ċivili u l-ambulanza. Irriżulta li Eric Saliba, li kien il-passiġier riekeb ma Annalise Abela fil-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni UGO885, kellu jinħareġ bl-għajnuna tal-Protezzjoni Ċivili. Hu ngħata l-ewwel għajnuna fuq il-post u ttieħed il-Mater Dei għal aktar kura.

10. Il-Pulizija għamlu iskizz tal-inċident. Filwaqt li PS1586 Attard kien qiegħed ikellem lix-xufier tal-vettura JCW218 li kien involut f'dan l-inċident, ġie nnutat li dan kellu riħa ta' xorb fuqu. Ix-xufier in kwistjoni ġie identifikat bħala Matthew VELLA, fejn ġie immedjatament infurmat li ser jittiħidlu kampjun tan-nifs ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. VELLA aċċetta illi jagħmel dan it-test. It-

test sar fl-Għassa tal-Ħamrun fejn irriżulta illi VELLA kien eċċeda konsiderevolment il-limitu preskritt mill-liġi. VELLA ġie nfurmat li kienu ser jinħarġu l-imputazzjonijiet kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

11. Illi VELLA kien ġie identifikat fuq il-post bħala s-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JCW 218 minn PS1586 Ronnie Attard. VELLA ttieħed l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun fejn qagħad għal test tan-nifs, bil-kunsens tiegħu. Inħarġitlu riċevuta, eżebita a fol 17, mnejn fuqha jirriżultaw ukoll id-dettalji ta' Matthew VELLA, bid-data tat-twelid tkun dik tad-19 ta' Marzu 1987 u indikat li kien is-sewwieq tal-vettura JCW 218. Dawn id-dettalji jaqblu wkoll ma dawk imsemmija fl-NPS a fol 7.

12. Dan kollu jirriżulta indipendentement minn kwalunkwe dikjarazzjoni li l-appellant seta' ta lill-Pulizija fuq il-post **qabel** ittiħidlu t-test tan-nifs, apparti ismu u kunjomu. Din il-Qorti semgħet ix-xiehda quddiemha *viva voce*, u jirriżulta illi t-twissija li ngħatat lill-appellant kienet dik ai termini tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Din it-twissija tingħata speċifikatament **qabel** ma jiġi rilaxxat test tan-nifs. Mill-kontenut tar-riċevuta ppreżentata a fol 17, jidher biċ-ċar illi l-appellant aċċetta kemm li jagħti dan il-kampjun kif ukoll li jiffirma dan ir-riżultat. Dan sar fil-preżenza ta' PS1586 li kkonferma dan kollu viva voce quddiem din il-Qorti.

13. Mill-iskizz tax-xena tal-inċident, jirriżulta illi kien hemm biss żewġ vetturi involuti u li sofrew ħsarat estensivi. Dawn kienu l-vettura UGO885 li mill-provi jirriżulta ċar li kien qed jinstaq minn Annalise Abela bil-passiġier Eric Saliba ħdejha, u JCW218 li skond id-dettalji miġburin kienet qed tinstaq minn Matthew VELLA. Għalkemm jidher li kien hemm persuni oħra preżenti, li pero ma ttellgħux jixhdu, ma ġiex pruvat li kien hemm ħaddieħor li kien qeigħed isuq il-vettura JCW218 apparti Matthew VELLA.[1]

14. Illi minbarra dawn il-provi diretti hemm ukoll provi indiretti li juru li VELLA kien dak li kien qiegħed isuq il-vettura JCW218 u li kien dan is-sewwieq li kien involut fl-inċident stradali de quo. Dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu ċerti preżunzjonijiet ta' fatt li minnhom Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' tiġbed ċerti konklużjonijiet. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs. James Abela :***

> In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact".
>
> F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull

[1] L-iskizz jinstab a folio 33 tal-atti proċesswali. Ara wkoll l-NPS a folio 3 tal-istess fejn jidru l-ħsarat inkorsi fuq entrambe l-vetturi involuti fl-inċident stradali in kwistjoni u mnejn jissemmew persuni oħra li pero ma xehdux f'dan il-każ.

prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.[2]

15. In bażi għall-assjem kollu tal-provi prodotti, din il-Qorti tista' tikkonkludi li l-appellant li kien dak li kien qiegħed isuq il-vettura JCW 218, li evidentement laqtet il-vettura misjuqa minn Annalise Abela b'saħħa bizzejjed illi tefgħet il-karozza in kwistjoni l-barra mill-karreġġjata fis-siġar adjaċenti iżda fid-direzzjoni opposta tat-traffiku.

***Ikkunsidrat : -***

16. Illi għal dak li jirrigwarda d-dinamika tal-inċident stradali u n-natura tal-kolliżjoni, apparti dak ġja mistqarr aktar il-fuq, mill-iskizz eżebit jirriżultaw *skid marks* li jaqsmu ż-żewġ karreġjati tat-triq f'tul ta' 25.8 metri. Dan il-fatt ikompli jitfa' dawl fuq in-natura tal-impatt illi seħħ bejn iż-żewġ vetturi. Mid-deposizzjoni ta' Annalise Abela u t'Eric Saliba jirriżulta li huma kienu qegħdin isuqu l-isfel mir-Rabat, u kienu fuq quddiem tal-vettura misjuqa mill-appellant, sejrin lejn l-isfel fid-direzzjoni tar-*roundabout*. L-impatt bejn il-vettura JCW 218 misjuqa minn VELLA u l-vettura misjuqa minn Annalise Abela seħħ fuq in-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa minn Annalise Abela.

---

[2] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono nhar il-11/07/2002.

17. F'dan il-każ ma hemmx provi li juru li qabel l-impatt Annalise Abela għamlet xi manuvra li minħabba fiha ġie kawżat dan l-inċident, bħal per eżempju *sudden braking without good cause*.[3] Anzi l-assjem tal-provi juri li dan l-inċident seħħ minħabba li VELLA ma kienx qiegħed iżomm a *proper look-out*, u dan kien dak li wassal biex seħħ dan l-inċident. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra fil-kawża fl-ismijiet ***Tart vs. Chitty & Co***,[4] f'sitwazzjoni fejn sewwieq ta' mutur baqa' dieħel f'vettura li kienet stazzjonarja, ġie deċiż li l-fatti li taw lok għal dan is-sinistru : -

> pointed out to one solution only; either the plaintiff was not keeping a proper look at in which case he was guilty of negligence, or if he was keeping a look out he was going too quickly or for some other reason had not his motor cycle under such proper control that he was able to avoid the collision.

18. Illi sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[5]

19. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li

---

[3] Smith vs. Harris, (1939), 3 All ER 960.
[4] 1933, 2 KB 453.
[5] bħal mirja, *rear cameras, sensors, alarms* eċċetra.

jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*.

20. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan. Dawn huma prinċipji li dawn il-Qrati ħadnu għal żmien twil kif ukoll jirriżulta minn dak deċiż fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Anthony Spiteri,*** deċiż fil-21 ta' Mejju 1960 mill-Imħallef William Harding fejn irritjena s-segwenti : -

> Hu innegabbli li driver ta' karozza għandu, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jzomm "a proper lookout" għall-vejikoli, "pedestrians", u "road-users" ohra; (Gibb. Triql of Motor Car Acc. Cases, Sec. 47), u l-ieħor illi, waqt is-sewqan, hu jkun f'posizzjoni tali li, kif jingħad fil-"General Regulations" tat-Traffiku Ingliżi, (ara Stone's Justices' Manual, Vol.2 1960 edition, p. 2937) jkollu f'kull ħin "proper control over the vehicle"... Ma għandux jintesa li l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' "split second" u li l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati.

21. In oltre mill-istess skizz jirriżulta li wara l-impatt anke l-vettura misjuqa minn VELLA spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Dan il-fatt ukoll jipprova fih innifsu d-dinamika tal-inċident. Dan jitfa' dawl fuq il-fatt li l-appellant ma kienx baqgħalu kontroll tal-vettura tiegħu qabel u wara li ħabat fil-vettura misjuqa minn Annalise Abela.

22. Miċ-ċertifikazzjoni medika ppreżentata fl-atti jirriżulta illi kemm Eric Saliba kif ukoll Annalise Abela sofrew ġrieħi ħfief kaġun ta' dan l-impatt. Din il-Qorti tqis li l-appellant kien unikament responabbli għall-inċident stradali in kwistjoni, bil-konsegwenzi li ġab miegħu.

***Ikkunsidrat : -***

23. Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet il-provi f'dan il-każ juru li Matthew VELLA ġie mitkellem minn PS1586 Ronnie Attard. Meta PS1586 beda jkelmu u jeħodlu l-partikolaritajiet innota li VELLA kellu riħa ta' xorb. Is-Surġent Attard identifika lil dan is-sewwieq tal-vettura JCW 218 bħala Matthew VELLA u qallu li kien sejjer jagħmillu t-test tan-nifs. Dan it-test tan-nifs ħass li kien meħtieġ minħabba li kien xamm riħa ta' xorb ħiereġ minn ħalq VELLA. PS1586 jgħid li VELLA qabel li jagħmel dan it-test u ħadu l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun bil-karozza tal-Pulizija stess. Darba waslu l-Għassa tal-Ħamrun, PS1586 jixhed li huwa ta' l-*caution* tas-soltu fil-preżenza tal-PC944.

In kontro-eżami jgħid li din il-*caution* tfisser li huwa wissa lill-appellant li kien ser isir it-test tal-*breathalyser,* li huwa kellu dritt li jirrifjutah iżda jekk jagħmel dan kien jikkostitwixxi reat. Ma kienx jiftakar jekk fl-Għassa tal-Pulizija kienx taħ ukoll id-dritt li jikkonsulta ma avukat. Fl-Għassa tal-Pulizija, l-appellant qabel li jsirlu t-test u wara li sar it-test ta riżultat ta' 87ug/100ml. PS1586 taħ l-irċevuta tat-test u staqsieh jekk riedx jiffirmaha. L-appellant kien iffirma wkoll l-irċevuta tat-test tal-breathaliser kif jidher a fol 17.

24. Illi r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni jippreskrivi li : -

> 15A.(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

25. Illi mill-banda l-oħra l-artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra bil-mod segwenti : -

> Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jewf'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.

26. Din il-Qorti diversament preseduta, fl-appell fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat*** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017 iddeċidiet li

> Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l- htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta

doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."

**Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu.** Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.[6]

27. Illi x-xenarju maħluq minn din il-Liġi huwa wieħed kumpless. Kwistjoni dwar id-dritt tal-assistenza legali apparti, jekk is-sewwieq jagħżel li joqgħod għal test tan-nifs, huwa jkun jista' jkun qiegħed jagħmel azzjoni li r-riżultat tagħha bis-saħħa tal-Liġi innifisha jkun jista' jittieħed bi prova kontra tiegħu fi proċeduri kriminali.[7] Mill-banda l-oħra jekk is-sewwieq jagħżel li jirrifjuta li

[6] Enfażi miżjuda.

[7] Artikolu 15E(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna –

(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżipermezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamentimagħmula taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u **r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kullproċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1)**. Inoltre, ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.

jagħmel it-test tan-nifs, jew li jagħti kampjun meta mitlub, ikun qiegħed, għall-dan ir-rifjut tiegħu, jiġi meqjuż li jikkommetti reat kriminali. Apparti li joħloq preżunzjoni *iuris tantum* li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt.[8]

28. F'dan ix-xenarju kumpless din il-Qorti taqbel ma' dak imsemmi fl-appell ***Grech Marguerat*** dwar il-ħtieġa tat-twissija da parti tal-Pulizija jew Uffiċjal tal-Komunita lis-sewwieq għad-dritt tal-assistenza legali **qabel** ma huwa jiġi mitlub li jagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi.

29. F'dan il-każ, PS1586 xehed quddiem din il-Qorti, huwa b'lejalta stqarr li ma kienx jiftakar li kien ta l-*caution* relattiva għall-assistenza legali lil VELLA. Din il-Qorti ma għandhiex prova biżżejjed li fuqha tista' legalment tgħid li dan ir-rekwiżit ġie osservat. Anke peress li hija ġie kostretta li tannulla s-sentenza appellata u tisma' l-provi mill-ġdid. Jekk mill-provi mismugħa

(b) Alternattivament jista' jeħtieġ lil persuna sabiex tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, **u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reattaħt l-artikoli 15A jew 15B(1)**. Ir-riżultati tal-analiżigħandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm majiġix ppruvat il-kuntrarju.

(c) L-uffiċjal tal-Pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni tal-urina.

[8] L-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt.

quddiemha din il-prova ma rriżultatx, din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dak li ġie nullifikat.

30. Ġaladarba ma hemmx prova li qabel ma ġie magħmul it-test tal-*breathalyser* VELLA kien ġie mogħti d-dritt li jikkonsulta ma avukat u ġaladarba ma hemm ebda prova dokumentarja jew prova oħra relattiva għall-fatt jekk dan avalixxiex minn dan id-dritt jew le, din il-Qorti ma tistax tqis li jkun *safe and satisfactory* li tistrieħ fuq il-konklużjoni ta' test tal-*breathalyser* magħmul mill-appellant f'dan ix-xenarju probatorju.

31. Fin-nuqqas ta' dawn ir-riżultanzi din il-Qorti ma tistax tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova t-tielet imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

32. Fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marlon Montebello***, din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti :

> Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis Pace***, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa"[1] minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi il-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti il-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu

15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, App. Krim., 30di ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).

33. Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni **provi oħra** ***apparti*** mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq.

34. F'dan il-każ PS1586 xehed b'mod ċar li meta kien qiegħed ikellem lill-appellant fuq il-post tal-inċident, huwa xammlu riħa ta' xorb u kien minħabba f'hekk li huwa ġie is-suspett raġonevoli li jagħmel it-test tal-*breathalyser* lill-appellant. Minbarra dan hemm ukoll id-dinamika tal-inċident li turi li l-impatt bejn iż-żewġt vetturi kien wieħed vjolenti tant li l-vetturi spiċċaw in-naħa l-oħra tat-triq, bil-vettura ta' Abela spiċċat *total loss*. Qabel l-impatt, Eric Saliba jixhed li huwa sema' ħsejjes ta' *brake* u ħass id-daqqa fuq in-naħa ta' wara tal-karozza misjuqa minn Abela. Il-fatt li kien hemm *brake marks* fit-triq huwa konfermat mill-iskizz eżebit a fol 33 mnejn jirriżulta li kien hemm *brake marks* ta' 10.4 metri u 4.40 metri, minbarra *skid marks* ta' 25.8 metri. B'xorti tajba f'dan l-inċident Abela u Saliba ma sofrewx danni fiżiċi kbar.

35. Biss jekk din il-Qorti tiġi priva mill-prova teknika tar-riżultat tal-*breathalyser test*, tiġi f'sitwazzjoni simili għal dik li din il-Qorti

diversament presjeduta sabet ruħha fiha fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Raymond Debono*** deċiż nhar il-21 ta' Jannar 2016 fejn għalkemm il-Pulizija xammew riħa ta' xorb fuq is-sewwieq, ma kienx hemm provi oħra oġġettivi li setgħu jagħtu indikazzjoni aktar b'saħħitha dwar il-mod tas-sewqan tal-appellant, u jekk kienx hemm indikaturi ta' spavalderija jew erratiċita inspjegabbli fis-sewqan ta' tal-appellant, li setgħu kienu kaġun tal-inċident u li huma wkoll ritenuti **bħala indikaturi li sewwieq ikun taħt l-effett ta' xorb alkoħoliku** mill-appelli kriminali ***Il-Pulizija vs. Brenda Agius*** deċiż nhar il-15 ta' Mejju 2008 u ***Il-Pulizija vs. Martin Zammit*** deċiż nhar it-13 ta' Frar 2013.

36. Biss apparti minn hekk, ma hemmx provi oħra li jindikaw il-kliem u l-imġieba tal-appellant li minnhom din il-Qorti tista' tasal tikkonkludi li huwa kien jikkwalifika bħala persuna li tkun qegħda ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor **u** ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi minħabba li l-kapaċità tiegħu li jsuq sew kienet għal xi ħin imnaqqsa minħabba tali xorb jew droga.

37. Dan jippreżenta wkoll xenarju simili għal dak riskontrat fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Ramon Fenech*** deċiż nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn intqal li :

> Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. Biex tasal ghal dik il-konkluzjoni dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew

inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.

38. F'dan ix-xenarju probatorju din il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li ssib ħtija wkoll tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

39. Illi r-raba' imputazzjoni hija dik tas-sewqan tal-vettura b'manjera perikoluża. Din l-imputazzjoni tista' tissussisti ***indipendentement*** mill-fatt jekk is-sewwieq kienx taħt l-effett ta' xorb jew droga. Il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza fejn saret distinzjoni ċara bejn dak illi jitqies bħala sewqan traskurat u negliġenti kif ġej:

> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti. kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.[9]

[9] ***Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-6 ta' Mejju 1997.

40.In oltre fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Alfonso Abela*** din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu irreat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892.).[10]

41.Id-dinamika tal-inċident de quo, inkluż il-manjiera kif spiċċaw il-vetturi kkonċernati, kif ukoll tal-ħsarat estensivi li soffrew, u anki fid-dawl tal-ħin meta seħħ l-inċident u l-post u l-mod fejn dan l-impatt seħħ jidher illi s-sewqan tal-appellant ma kienx biss wieħed traskurat jew b'nuqqas ta' kont, iżda għandu jitqies bħala wieħed perikoluż. It-test li huwa wżat anke quddiem il-Qrati fl-Ingilterra u f'Wales biex jiġi determinat jekk persuna tkunx qegħda ssuq b'mod perikoluż huwa s-segwenti u ċjoe *whether the person's standard of driving fell far below the standard expected of a competent driver, and whether it would be obvious to a competent driver that the person's manner of driving would be dangerous.* Illi fost dawn il-konsiderazzjonijiet hemm il-fattur tal-veloċita għolja li sewwieq ikun jista' qiegħed juża fis-sewqan tiegħu, manuvri li huwa jagħmel waqt is-sewqan jew ukoll meta l-okkorrenza turi li s-sewwieq ikun tilef il-kontroll tal-

---

[10] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2005.

vettura tiegħu mingħajr raġuni oġġettiva indipendenti minn natura tas-sewqan tiegħu għal dan.

## *Deċide*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li ssib lill-Matthew VELLA mhux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena, filkontemp issibu ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjonijiet u stante li dan il-każ seħħ fl-2015 u ċjoe fi żmien qabel ma daħlu fis-seħħ l-awmenti fil-piena previsti mill-Att XIV tal-2017 sejra tapplika l-piena applikabbli għal dawk iż-żminijiet.

Għaldaqstant tikkundanna lill-Matthew VELLA għall-piena ta' multa ta' mitejn euro (€200) filwaqt li tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl tal-lum.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***